# Perfetta l-Opra

## Mark Vella

Le. M'iniex tielaq, maħrub minn għemili, l-aħħar xogħol qabel ma ngħib. Flok fil-magna, biex ta' taħti ma jkollux storbju fuq rasu, il-ħwejjeġ ħallejthom jitqalu fil-banju mimli sigħat qabel, ilma qiegħed b'wiċċu mtextex li ddardar u ġie f'tiegħu malli dħalt ninża' ġo fih. Le, hawn se nibqa', nilgħaq il-ġrieħi bħall-bhejjem muġugħa, forsi b'tixbiha ma' li sejħitli wkoll ommi, jew forsi kull min jitkellem bi lsienna *–annimal*, waħdek bħall-annimal, għalfejn ma rġajtx ġejt magħna d-dar? – innewwaħ waħdi f'dil-kirja l-Qawra. M'iniex nitlob maħfra, il-ħtija hekk malli jseħħ il-fatt. Ħtijiet għandi biżżejjed, xi rimors ukoll, u kollha għad irrid naħsilhom minn fuqi, mgħarraq f'ilma li nittama jnaddafni waħda tajba għal dejjem, bħalma kont qed nipprova nagħmel ftit ilu nissara mal-jeans ċomb bil-banju jfur madwari. *Eureka!* Imma ma nafx xi skoprejt. Forsi ma tnaddaftx, imma kemm stejqirt, għasra ma nitħarrikx, nirreżisti l-ġibda li nintefa' rasi lura sabiex bilkemm ninduna li nkun qed negħreq ħelu ħelu. U lanqas l-aptit u s-saħħa ma jiġuni noħroġ rasi, nilheġ in-nifs il-ġdid jisplodili l-pulmun, bħal meta tqum, xraba, għarqan, imma rebbieħ tal-ħajja, wara ħolma kerha. Ma skoprejt xejn. Kemm seddaqt li għandi. Il-ħtijiet, pereżempju, dawk żgur, jien u nerġa' ngħaddihom waħda waħda bilqiegħda fuq siġġu mutrab tal-plastik, imgeżwer fil-ġagaga ratba li kienet serqitli mil-lukanda fejn taħdem, u ngħawweġ għonqi biex nara l-ħajta baħar li biegħli l-aġent bħala l-veduta f'dil-gabuba rħisa mħaxkna xi mkien f'dil-belt tal-iddisprati.

Ma nafx għalfejn qed nikteb, fuq il-folji tal-*airmail* li ħalla l-inkwilin ta' qabli, bħal ommi tikkomponi l-ittra ta' kull xahar lill-qraba tal-Awstralja. Ma naqbiżx linji, ma nħanżirx kitbiti, kull kelma maħsuba sew qabel ma l-pinna tniggeż il-karta u żżiġġ attenta, misjuqa minn idi tant soda li ġa bdiet tuġagħni. Lanqas naf hux qed nikteb lilek, ħa, issa semmejtek. Mela għalik ukoll din. Ittra mhijiex. Qrara lanqas. Bilkemm naf x'se nagħmel biha la nkun lestejtha. U kważi kważi ġa qed jiddispjaċini jkolli nqattagħha tant donnha ġejja tajba.

Kburi b'li rnexxieli nagħmel. Perfetta l-opra. La nkun għaddejt ħtijieti waħda waħda, kollha kemm huma, nilbes il-ħwejjeġ lesti mal-ispalliera u noħroġ niltaqa' ma' sħabi, sħabi l-ġodda, li ma jafu xejn dwar drawwieti, u jafu li se niddawwar daqsxejn iktar mis-soltu għax illum irrid nara programm li jispiċċa tard, u forsi neħodha bil-mod daqsxejn oħra, ħini ħini, xejn xejn nistrieħ ftit qabel lejl se jtul sas-sebħ. Sħabi l-ġodda, li jafu biss dak li jaraw mill-kisra t'għajnejja, l-ovvju mill-ftit li semgħu, jiċċumbah kull min għandu għajnejh f'wiċċu. Nofs siegħa oħra l-aktar, inkun sibthom, xagħri ppettnat u kollni fwieħa, tibdila ġdida fjamanta li xtrajtha dalgħodu biex neħlisha mil-lista ta' li ppjanajt li nagħmel, u jgħiduli Haw', domt mhux ħażin, kif kien il-programm? – u ngħidilhom li żammni, għax il-ġuri għadu ma spiċċax u baqa' aktar puntati, u għadhom ma jistgħu jsibu xejn konkret biex iwaħħluhom.

Il-programm kont rajtu qabel. Imma ħabat tajjeb għal dak li kelli f'moħħi llum. U hemm il-kopja tal-*Gwida* prova jekk jinqala'xi ħaġa. Li mhux se jinqala'. Rai Tre, *Un Giorno in Pretura*, 23:45. Ikompli l-proċess lil Scattone u Ferraro, mixlijin bil-qtil tal-istudenta Marta Russo, balla li fejn ħabtet laqtet u ħadd ma jista' jsib minn fejn telqet. Xejn mhu se jinqala'. Il-mutur daħħaltu fil-garaxx ta' missieri, eżatt fejn dejjem ikun, tajtu ħasla fid-dlam, u reġa' pinna bħalma kien qabel. Ma stajtx nagħmilha hawn għax m'għandix fejn, u allura mort bil-karozza s'għand ix-xjuħ, ġbart il-mutur, u ħriġt u dħalt bil-kwiet. Bla ma induna ħadd fejn kont sejjer. Bla ma lanqas ta kas ħadd. Il-mutur jafuh, tal-fardal dejjem intektek fih, kelli nħallih id-dar għax il-Qawra m'għandix fejn inżommu. Aħmar. Ileqq. Għal meta mmur dawra waħdi, biex nedha, naħseb, naħrab, inserrep bejn il-karozzi nfittex ir-riħ isaffar ma' wiċċi. Fejn ġie ġie, ħadd mhu sidi, jew inkella l-imwarrab għal qalbi, *gas down* mat-telgħa tal-Madliena jew noqmos fuq iż-żrar u l-ġebel sakemm nidħol id-Dwejra tal-Imġarr. Jew s'għandek, illejla, dal-post li rajtu darba biss fid-dlamijiet ċappa, iżda li għamilt żgur li nibqa' niftakru, bid-dettalji kollha. Qattus

ħażin, ħabbietu jidjiequ, passejh rotob kisknijiet jikkurdaw mas-sensi mqajma, mustaċċih ikejlu d-djuq u l-wisa'. Kollu ftakartu, dal-post imwarrab, fl-inħawi ta' X tant li kont għidtilna niltaqgħu fil-pjazza tar-raħal, għax mhux talli qiegħed fl-inħawi tiegħu, imma fl-inħawi tal-inħawi, ma jsibu ħadd, lanqas ix-xitan biex iħalli karkurtu, minkejja r-raded maħruta pulit għaż-żrigħ. Rajtu darba u daqshekk, imma xorta sibtu mill-ewwel. U lanqas biss erġajt ġejt forsi daqsxejn qabel, tgħid nistudjah binhar, nara minn fejn għandi ngħaddi sabiex nagħmel bl-aħjar mod dak li deffist f'rasi. Immemorizzajtu, bħalma stampajt f'moħħi dak il-lejl fejn kont stedintna hemmhekk – ir-razzett – u ma kellix aptit għax xammejtha tinten. Kont ili, ngħiduha, u l-istonku kien ilu għoqda minn filgħodu, waħda mid-drawwiet il-ġodda bħall-gdiedem tiegħi u tagħha ma nafux x'se nagħmlu bina nfusna. Hi toħroġ, Alla m'għamilha, jien nilbes iż-żarbun eżatt malli nismagħha dieħla, bla ma ħadd isaqsi fejn sejjer wieħed u fejn marret l-oħra.

Illejla wkoll kelli ngħaddi mill-pjazza ta' X, dar-raħal li qatt ma kelli bżonn inżuru jew ngħaddi minnu, u għalissa biżżejjed u raddejtlu salib, sakemm ma niġix xi għoxrin sena oħra, b'kumbinazzjoni, pereżempju għax inkun insejt u ninzertah b'ċikka u mbagħad kollox jerġa' jibda jfakkarni. Jew inkella, għala le, apposta, nerġa' nittraċċa triqti u għemili, niftakar fik ukoll, x'aktarx mhux bir-rimors li jerġa' lura jigdimni, anzi, żgur li le, imma forsi bħat-tifkiriet nostalġiċi tal-bluhat taż-żgħożija. Ħallejt il-gass malli xrift għal ġol-pjazza siekta, imdawla biss mid-dwal ta' festin f'każin magħluq, u r-roti żżerżqu bis-saħħa ta' qabel, sakemm straħu kważi eżatt fejn konna ġejna l-aħħar darba. Nibbilanċja b'saqajja t-tnejn mal-art quddiem il-kappella l-antika, fejn kont għidtilna niltaqgħu sabiex imbagħad inkomplu s'għandek. Għidtilna għalxejn tpinġilna mapep, hawn ma jsibu ħadd. Dak kien postok, ir-rifuġju sigriet fejn taħrab mill-ħamba, niftakrek tgħid preċiż. Ma ġejtx int tiltaqa' magħna, għax kellek tlesti l-ħobż biż-żejt, imma kont bgħatt lilu. Dakinhar, kieku stajt, kont inżomm il-gass magħfus għal fuqu sakemm insammru mal-ħajt tal-kappella, surtu żlieġa mdawla mill-fanali jixegħluh hekk kif qrobna lejn il-pjazza, jistenniena jdejh fil-but u sigarrett imdendel minn xofftejh. Qisu lbieraħ u qisu seklu ilu, hekk ħsibt jien u nneħħi l-elmu biex inqabbad l-aħħar sigarrett qabel ma nibda. Kien mar mill-ewwel lejn in-naħa tal-passiġġier, lejha, mingħajr ma kkalkulani. Jien imħatteb fuq l-istering marsus f'idejja, u hi tkellmu b'għajnejha mix-xaqq tat-tieqa mniżżla. "Kollox sew?" qalilha, "Imxi warajja" Lilha mhux lilna, u daħal fil-karozza tiegħu u

serripna warajh fil-mogħdijiet, bil-*brights* mixgħula għall-ħotob u għaddejjin żbrixx mid-djuq bejn il-ħitan tas-sejjieħ, sakemm fl-aħħar qbadna n-niżla għall-fetħa ta' quddiem ir-razzett, fejn ipparkjajt il-mutur dal-lejl.

Mhux eżatt fil-fetħa, fejn dakinhar ġa kien hemm xi karozzi ta' sħabek, imma f'dawk il-qabda siġar ftit 'il bogħod, biex jekk jaħsel jgħaddi xi ħadd, jara l-baħħ u ma jitqanqallu l-ebda ħsieb. Biex ma ninstemax, l-istess bħal malli dħalt fir-raħal, ħallejtu *free* u tfejtlu d-dwal, idejja sodi jimmanuvraw it-tħarbit tan-niżla. U ftit qabel il-fetħa, inqlajt minn fuq il-mutur, mexxejtu kemm jista' jkun qalb id-dlam, u serraħtu fuq ġenbu, jistennieni nlesti.

Dakinhar, malli wasalna, kellha seba' mitt sena biex tiftaħ il-bieba. 'Qas ċans nipparkja, li ma taritx għal fejnu mill-karozza għadha ma waqfitx. Rajthom jgħibu tul it-trejqa mdawla mid-dija tal-qamar ġejja u sejra kull meta s-sħab ġriż li faqa' s-sema filgħodu kien jersaq tikka minn quddiemu. Mexjin ħfief, ħarstu fissa 'l quddiem, l-istess poża, id f'but u d-duħħan tiela' ma' rasu, u hi għaddejja taħtu tiċċaċċra, l-ewwel darba li fetħet ħalqha dakinhar. Għax tant ġejja tajba din, li qed niddejjaq ningassa l-kliem ħalli niktibhielek sew l-istorja, jew nerġa' mill-bidu. Għax int ma tafx proprja kollox. Ma kontx taf, meta lqajtni fir-razzett, li ma kontx flaħt noħroġ mill-karozza u bqajt hemm kwarta ssummat, idejja għadhom inkullati mal-istering. U mbagħad sirt żibel sakemm qsamt il-ftit metri bejn il-fetħa u r-razzett, saqajja jċafalsu fil-ħama tad-dulluvju ta' binhar, sakemm dħalt qisni l-iblah b'nofs il-qliezi għasra. Qisek ma tajtx kas li ġa kienet hemm hi, warajk, nilmaħha eżatt malli nirfislek l-għatba, imserrħa mal-mejda tal-biċċa kċina li kellek f'għorfa minnhom. Bit-tazza f'idha, iħarsuli għal sekonda minn taħt il-għajn, minn isfel għal fuq u jkomplu minn taħt l-ilsien u jħarsu f'għajnejn xulxin. M'għokritekx għajnek li wasalt kwarta warajha, il-qalziet imsebbel, waħdi, u lqajtni daqslikieku kont mistieden ieħor, ara, mela ġejt?

X'aktarx kont taf bl-għoqda fl-istonku, għajnejk niffieda jibbru u sett snien jgħammex minkejja d-dalma. Liebes għall-okkażjoni, bħal dejjem, l-aħħar moda, xagħrek maqtugħ pulit, ħuġbejk imqarwża preċiż, kważi aħjar minn tan-nisa. U lqajtni f'darek, tellajtni t-taraġ id-dejjaq għall-kmajra ta' fuq, u ppreżentajtni, barrani, daqslikieku ġejt waħdi. Tliet uċuħ baxxuti, iħarsu minn taħt lejn xulxin, malli xrifna fl-indana. Jien biss ma kontx nafx. Jew mingħalik. Dik l-ewwel darba li forsi bdejt nintebaħ, meta kont mistieden għandna mal-bqija, dawn sħabi l-ġodda, kienet qaltli, sħabi mhux sħabek, u madwar il-mejda, inpaċpċu wara

l-ikel, kont ftaħt flixkun Torres, taf liema, dak bil-barri iswed imdendel mas-sufra. Nidħak u nkompli magħkom, f'dari, taħt is-saqaf tiegħi, nipprova nindiehes biex ma nitħalliex barra, u kont ili moħħni fik tilgħab b'dak il-barri, tgħollih u terġa' taqbdu, iddawru f'subgħajk, bla kliem tifli l-uċuħ. Sakemm qbadtu, dal-barri ċkejken, u tfajtu f'nofs il-mejda. Mossa delikata, bħall-mossi kollha tiegħek, bħal kif ferrajtli l-inbid, tittratta lill-mistieden kif jixraq. Delikata, daqs plejer taċ-ċess, il-mossa aħħarija qabel jagħlaq il-logħba. Minn qrunu, tgħollih kemm kemm biex jilħaq jarah kulħadd u jifhem, u dritt f'nofs il-mejda, il-pedina ppustjata għall-udjenza tistenna fuq ix-xwiek. U l-mejda kollha siktet, u baxxiet rasha bħal dawn it-tlieta fir-razzett, u kulħadd żamm daħka li riedet tifqa' kulm'hemm. Hi. Hu. Għax kien hemm hu wkoll. U ħdejh poġġiet, f'darna, taħt is-saqaf tagħna. U mbagħad ħadd ma seta' jżomm, u kulħadd infaqa', u nfqajt jien ukoll, il-baħbuħ ta' dejjem, li ma fehemx mill-ewwel, li tant dam biex jifhem, biex inkompli u ma nitħalliex barra.

Ftit wara fhimt. Int donnok le. Jew ma ridtx tifhem, kif qaltli ħarstek kull meta ltqajna fil-postijiet fejn konna bdejna nintefgħu ma' sħabna l-ġodda. Bl-istess wiċċ eżatt, qatt ma jinbidel, li bih ilqajtni fir-razzett, u mingħalija li din taf tkun il-klikka l-ġdida tagħna, tiegħi wkoll, u miegħek tgħidx kemm ħadt grazzja, kieku taf. Mea culpa, m'hemmx x'tagħmel. Int, qabli indunajt. Tpespes f'widnejn tal-bar hekk kif nidħlu. Is-sigħat tpaċpaċ magħha u jien moħħni fikom taparsi nkompli mal-oħrajn. Il-mutetti kollha għaddejjin minn taħt imnieħri meta hi u hu, sieħbek tal-qalb, iktar bdew jintefgħu flimkien, sakemm kollox sar jiddi daqs id-dawl minn tbissimtek. Għax kos, kieku, kont tgħidli, allura miegħi qbadt? Mela mhux hu kollox? Jien x'naħti, nimmaġinak tgħidli, għala qed iddeffisni fi ħwejġek? Ifhem, hu hu, kien dak li kellu jkun. Tgħid, xi darba, ma tkellimitx magħha dwar dawn l-affarijiet, meta kont titfelles bejnietna, jien hu hi intom aħna huma, donnok int stess pedina mċaqalqa minn kaxxa għall-oħra? Mhux bħall-barri, għax dak qegħedtu fejn kellu joqgħod. Iktar bħal farfett, itir jerda' minn fjur għall-ieħor. M'iniex innewwaħ imsejken, għax issa li sar sar, imma għidli, xi stajt soffejt mill-ħaxix ħażin jikber madwarna? Mix-xewk ta' dawk ix-xhur? L-imrar tal-ħars misruq u l-kliem minn taħt. Tal-kliem jinftiehem, ma jinftihemx. Tal-botti. Tas-sentenzi maqtugħa, imħollija mdendla fl-ajru, tal-kliem mhux imlissen itqal mill-agħar dagħwa. Mela, forsi għalhekk, għax qisu sqiek dan kollu, dan fejn ma kellekx għala tidħol, dil-biċċa li ma kinitx tiegħek. U allura hu issa jista' jgawdiha bil-kwiet, bil-barka tiegħi, u tiegħi biss, u mingħajr ħadd ma jiddeffes.

Issa qisni bdejt nitlifha. Arah, pereżempju, dan rimors issejjaħlu? Rabja, dik li qatt ma fissirtlek? Xi ħaġa kienet waqqfitni u malajr bdejt naqtagħlek fil-qasir. Għax kont taf tisma' int, kieku, titfa' dak il-wiċċ serju li xorta waħda kont nagħrfu jrażżan tbissima taf kollox, dawk l-għajnejn jgħarrxu fija, iqattgħuni biċċiet daqs kemm tqattagħli l-istonku f'dawk iż-żminijiet. Imma ħarist ġo fik jien ukoll, minkejja kemm kont baħbuħ. Kont naf dak li ma tafx, u dak li forsi ma ridtx taf. Dak li kont mingħalik irnexxielek iżżommu bejn il-ftit. Dwarek, dak li kont tgħidilha meta tiftaħ qalbek magħha. Għax qabel torqod, rasek mal-imħadda, tgħidha xorta kelma. Dwarkom. Mhux dwarna t-tnejn, imma dwar sħabha l-ġodda, u l-aktar dwarek. Minn xiex għaddejt. Minn x'kien għad kellek idur ġo moħħok u x'aktarx qatt ma kien se jitilqek. Sewwa? Dwaru ma tantx kienet titkellem, ovvja, imma, ara, kont tafha din, li jien kont naf x'inhu għaddej, fl-aħħar mill-aħħar? Kollox. Forsi għaraftu daqsxejn aktar tard minnek, imma kollox, u l-barka tiegħi kont tajtha ħafna qabel. Forsi ma kienx qalulek hu dan?

Jew qallek, u kellek raġun tqiegħdu l-barri ċkejken quddiemi fuq il-mejda, dix-xbieha li se tibqa' ddur ġo moħħi, bħax-xbihat l-oħra li kellek int u li mingħalik ma naf xejn dwarhom. Int u toffrili l-karawett u l-ħobż biż-żejt fir-razzett, nipprova nifhem għala tiġi hawn, l-aktar is-Sibtijiet billejl, toqtol u tidfen. Daqqa tistieden, daqqa ġġib xi nittiena. Imma l-aktar waħdek, f'das-skiet li jsemmagħlek l-ilħna jwerżqu ġo moħħok. X'miżerja ta' party kien dak il-lejl. Dawk it-tnejn hemm isfel ipespsu f'widnejn xulxin, jien infettet il-galletti fid-dipp, kulħadd qisu ma tantx kellu pjaċir jiġi, u mbagħad nippruvaw naqbdu diskursata li tnin wara ftit. Int kieku pprovajt tqajmu ftit, imma qisu mhux li kien jimpurtak wisq. Titnejjek daqsxejn b'sieħbek l-ieħor li wasal warajja, iżżebbeġ għajnejk lill-oħrajn meta taparsi ninżel it-tojlit biex nara dawk it-tnejn x'qed jagħmlu, tbiddel ix-xemgħat f'dar-razzett bla elettriku, il-monotonija tad-dellijiet wara l-fjammi jteptpu ssib lil seħbitha fid-diq sfurzat ta' festin li qatt ma kellu jkun.

Affari tiegħek. Ir-razzett xi ħaġa speċjali, ġimgħa nisma'bih tiela'u nieżel malli saret taf bl-istedina. Bħalma kienet affari tiegħi, nagħtu kas, li kienet sakkret kollox sentejn wara li żżewwiġna. Forsi ma tafx, imma lanqas dak iż-żmien ma indunajt kont, u wara li mbagħad l-affarijiet jiġu jiċċappsu ma' wiċċek, inemmsulek int u tistenbaħ mir-raqda, kont bdejt ngħidilha, jaħasra, tħallinix immur il-Gżira, nitolbok. Mela. Hekk konna ngħadduha. U mbagħad ġejtu intom, u ġie hu, u f'daqqa waħda nbidel kollox. U, biex ngħidlek tal-aħħar, għax din żgur Alla

ma kontx taf biha, anki jien kelli xi ħaġa għal li jinqala'. Il-Gżira spiċċajt qatt ma mort, u l-affarijiet imbagħad taf kif jiġru. Meta d-dar kien ikollna l-mutetta bija ħiereġ malli tidħol hi, jekk mhux dawra bil-mutur, kont bdejt ngħaddi niltaqa' ma'din. Il-bdil tal-gwardja: tiskanta kif jiġru, darba lestejna u jien u nistartja biex nitlaq, nara ġejja l-karozza ta' sieħbek. L-istess bħad-dar. Nitlaq jien, u tibda hi. *Second division*, le le, għax iddubbajt b'li kelli, nissaraw fis-sit ta' wara tal-karozza u nipprovaw niżolqu fin-niexef, inpattu għad-dwejjaq tagħna b'iktar dwejjaq, insomma. Imma biex tkun taf. Kont moqdi wkoll. Forsi kieku għedtlek dak iż-żmien, kont tarani mod ieħor.

Imma. Biex niġi għall-aħjar biċċa. Ħadd mhu se jkun jaf li għaddejt s'għandek dal-lejl. Jafu jżabbu. Qlajt il-basket li kelli mdendel ma'dahri u ħriġt it-tieni tibdila li kont ħejjejt għal dakinhar. Għax l-affarijiet tiskanta kif jiġu xi kultant. Il-blokka ta' ħdejja kienet għadha qed tinbena meta dħalt u darba, wara li pparkjajt kantuniera 'l bogħod u kont miexi sad-dar, nilmaħ gozz xkejjer fost it-trabijiet u l-knatan. Minn kull xorta: xkejjer bħal tal-patata, bojod tas-siment, suwed taż-żibel. Munzell. U bla ma taf kif, tfaqqaslek xi ħaġa f'moħħok. Issa jien ma nafx inħit u nżeggeg, u fil-fatt mhux li għamilt xi kapolavur. Imma rnexxieli ninqeda. L-ixkejjer kont nobromhom ftit ftit hekk kif jitilqu l-ħaddiema, u kull meta kien ikolli daqsxejn ċans, l-aktar billejl, is-Sibt, *Un Giorno in Pretura* jagħti u int x'aktarx ir-razzett, kont noqgħod nilgħab ma' dawn l-ixkejjer biex forsi noħroġ libsa minnhom. Ħajta 'l hemm, spaga 'l hawn, u mbagħad ġietni l-idea nistejpilja l-bqija, u bil-mod il-mod ħriġt bil-libsa ta' dal-lejl. Ma tridx tarani biha, għax tidħak, jew titwerwer, bħalma żgur kont tagħmel kieku kont għadek imqajjem u rajtni. Kieku ta' tifel rajt xi ħaġa hekk, tgħidx kemm-il lejl kont nagħmel imbewwel b'rasi taħt il-friex. Ma kinitx xogħol tajjeb, imma biżżejjed biex nilbisha, tgħattili ġismi kollu, u niċċaqlaq komdu fiha. Tagħmillek sħana tremenda, u dal-lejl sirt żibel, stajt nagħsarha kieku ridt, u l-iktar minħabba li minn ġewwa rnexxieli nagħmlilha speċi ta' inforra kif ġie ġie, għax kieku lbistha xkora biss, tgħidx kemm kienet tiġi tobrox u xxewwek.

Mgħotti minn rasi sa saqajja, ħaġa magħmula bl-addoċċ b'par idejn u saqajn, għajnejja u ħalqi biss mikxufa mit-toqob li kont ċarratt, ħriġt minn qalb is-siġar, u bil-kwiet għax vera ma jkunx hemm ruħ hemmhekk tant ma jafuhx, imxejt għall-fetħa u bdejt triqti lejn ir-razzett. Stajt ma kontx hemm, imma rajtlek qisu dawl inemnem, x'aktarx ta' wieħed minn dawk il-fanali li dakinhar

kienu xegħlulna wċuħna qisna iħirsa. Stajt sibtek imqajjem, bħalm' għedtlek, u mbagħad wieħed kien jara x'għandu jagħmel. Imma kont fiduċjuż li kollox jirnexxi. Ma nafx, imma qisek ma tantx trid għerf għal opra bħal din. L-art imgħarrqa, bħal tad-darba l-oħra, l-istess xita tul il-jum, jekk mhux aktar. Qsamt minn fuq iż-żrar tal-fetħa u ġejt quddiem il-mogħdija, intfajt kokka mal-art u bħal serp stirajt għal tuli fit-tajn. Daż-żmien ma tiċċajtax, jaqbduk f'kemm ili ngħidlek. L-ixkora ġa soluzzjoni, għax jistgħu jdumu jfittxu DNA, kulma se jsibu ħafna ħjut. Tgħid mhux se jinterrogaw l-ixkejjer kollha ta' Malta? Imma biex żgur inkun ħsibt f'kollox, flok imxejt s'għandek, tkaxkart b'kull mod possibbli sakemm wasalt taħt it-tieqa. Niftakarni ngħidlek, kemm biex illissen kelmtejn għar-riq, ma tibżax hawn waħdek, b'dik it-tieqa hemmhekk, bla ħġieġ jew purtelli? U int, għadek b'dik it-tbissima li kważi ridt indawwar ħarsti minnha tant kelli niġġieled ma' dawk l-għoqiedi jitkgħawġu f'xulxin, għedtli hawn ma jafu ħadd u ma tersaqx ruħ. Kunfidenza assoluta, bħal kulma kont tagħmel. U rġajt tlaqt 'l isfel lejn il-kċina, iġġib flixkun ieħor x'aktarx, forsi taġġorna ruħek dwar l-istorja tiegħi. Tiegħi.

Ħadt mhux ħażin biex nasal sa taħt it-tieqa. Tkaxkart għal tuli, irrumblajt fuq ġenbi, kollox sakemm ma nħallix passi jew marki ċari. U jekk dal-lejl terġa' tagħmel, jerġa' jsir ħama u dak li ħalla ġismi jkun sparixxa f'ħalba. Imbagħad li kellu jseħħ, seħħ f'ħakka t'għajn. Irkibt ħoġor it-tieqa, u fuq ponot subgħajh, il-mostru tal-ixkora tela' nkiss inkiss it-taraġ. Daqqa t'għajn ħafifa lill-kċina, kemm niftakar, u tlajt sa fejn konna ltqajna dakinhar, fejn għedtilna li mbagħad tintefa' fuq is-sufan sodda tawwali biex torqod. U hekk sibtek, imħaxken mal-ħajt, id taħt il-friex u l-oħra mdendla kważi tmiss mal-art. U jien minn rasi sa qiegħ saqajja xkejjer imwebbsa mtaqqla bit-tajn, l-ilma jiskula tikka tikka mill-kostum imperfett tiegħi. Sħana kbira, ġismi kollu għaraq, imma ħaġa waħda biss kien fadalli nagħmel. Qbadt waħda mill-imħaded li kellek fl-armarju mikxuf, u tlajt kemm inżomm bilwieqfa f'tarf saqajn is-sufan. Bl-imħadda f'idejja t-tnejn, kont naf x'kelli nagħmel, imma għal mument waqaft. Int ma rajt xejn, imma immaġina, int għaddej bil-mija b'ħalqek miftuħ beraħ, u xkora umana titperreċ fuqek lesta biex ittik is-salt. Dil-biċċa ma kontx ippjanajtha biżżejjed u ġiet kif ġiet, għax minn subgħajja ta' saqajja se jċedu, jippruvaw iżommu fuq l-irtubija tas-saqqu jżaqżaq li seta' qajmek, inħoss irkopptejja jintlewew 'l isfel u jdejja jagħfsulek l-imħadda ma' wiċċek. Ma kellekx biżżejjed ħin biex tqum, jew

forsi lħaqt inħsadt, għax ġismek stira taħti u saqajk taw tnejn biex jinqalgħu. Imma pront tellajt irkopptejja għal fuq sidrek, u għafast bl-istess saħħa li biha żammejtlek l-imħadda ma' wiċċek. Tant li qisni smajt għadmek iċaqċaq, is-saħħa barranija li ħassejtha ttaqqalli 'l ġismi dak il-ħin, daqslikieku niżżiltek ċangun fuq il-kaxxa ta' sidrek u għajnejk kieku jaqbżu 'l barra, u għada jsibuk bi lsienek mitluq maġenb xofftok, u żewġ ħofor vojta f'wiċċek.

Imma tlaqt bil-kwiet. L-imħadda xħettha fl-art. Bħal qabel, tennejt il-mossi kollha. It-taraġ inżiltu mgħaġġel tnejn tnejn, tajt daqqa t'għajn lid-dlam madwari, u rġajt trembilt fil-ħama biex żgur ma jsibu xejn. Maż-żrar tal-fetħa, qomt u mxejt għal taħt is-siġar lejn il-mutur, ftaqt il-libsa u twejtha kif stajt, għax issa kienet tqalet u tilfet kull forma, biex nerġa' ndeffisha fil-basket. Li kont liebes taħt sar ilma, imma dawra bil-mutur malajr nixxfitni, u sakemm wasalt Ħal Far, devjazzjoni 'l bogħod biżżejjed minn X, kont qed ninten seba' pesti u kollox mgħattan, imma xejn speċjali li seta' ta fil-għajn. L-ixkejjer ħallejthom f'munzell żibel imwarrab fejn il-fabbriki, u rħejtilha lejn id-dar.

Issa kulma jifdal huwa x'se nagħmel b'dan li għadni kemm ktibt. Kieku ommi bħalissa l-karta titwiha pulita u ddeffisha f'envelop pariġġ tal-*airmail*, dawk bl-aħmar u l-blu, u titfagħha fuq is-sottospekkjo fis-salott biex tibgħatha l-għada. Jien għadni ma ddeċidejtx. Se nħalliha hawn fuq il-mejda tal-plastik u mbagħad naraw. *Un Giorno in Pretura* spiċċa, ħallejtu jagħti mingħajr ma rajtu, imma naf x'ġara. Issa rrid immur nilbes u niltaqa' ma' sħabi l-ġodda.